A.L. 400 ta' l-2005

ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP. 370)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi skondl-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, bil-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 dwar il-Kontroll ta' Assi skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin ''ir-regolamenti prinċipali''.

A.L. 240 ta' l-1998.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolament prinċipali, minnufih wara t-tifsira "assi" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta maħtura taħt l-artikolu 2A ta' l-Att;".

Iżid it-Taqsima 5 ġdida mar-regolament prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 21 tar-regolament prinċipali, għandha tidħol din it-taqsima ġdida li ġejja:

"Taqsima 5

Fondi għall-Investituri Professjonali

"Arranġamenti ta' kustodja ta' assi għal fondi għall-investituri professjonali."

22. Meta l-iskema tkun tikkwalifika bħala fond għall-investituri professjonali immirata lejn investituri professjonali skond il-linji ta' gwida maħruġin għal dak il-għan mill-awtorità kompetenti, l-arranġamenti ta' kustodja ta' l-iskema għandhom ikunu jaqblu ma' dawk il-ħtiġijiet li l-awtorità kompetenti tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi permezz ta' linji ta' gwida, u t-Taqsima 4 ta' dawn ir-regolamenti m'għandhiex tkun tapplika għalihom.".